MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 261/2005

**APS Bank Limited (C 2192)**

**Vs**

**William Pomroy (ID 437154M) u Miriam Pomroy (ID 11056M) mart William Pomroy**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu 'in solidum' bejniethom is-somma ta' Lm3977.48,0 (tlett elef disa mija u seba' u sebghin Lira u tmienja u erbghin centezmu) dovuta kwantu ghas-somma ta' tlett elef sitt mija u seba u hamsin Lira u erbgha centezmi (Lm3,657.04) bhala bilanc ta' debitu ta' 'loan account' numru 12449832011 (Dok A) u kwantu ghas-somma ta' tlett mija u ghoxrin Lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm320.44) bhala bilanc ta' debitu ta kont kurrenti numru 20000134476 (Dok B); u dana oltre l-

imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti 'in solidum' inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat ma' l-avviz, u bl-imghax legali b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti 'in solidum' mid-data tal-avviz ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammettew it-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu 'in solidum' bejniethom lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' Lm3977.48,0 bl-imghax ulterjuri mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes 'in solidum', inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tal-4 ta' Mejju 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------